MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Appell Civili Numru. 1761/1998/1

**Richard u Grace konjugi Azzopardi**

**v.**

**Isabel Cassar, mart Bernard u l-istess Bernard Cassar ghall-interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi li tghid hekk:

"Illi l-atturi kienu silfu 'brevi manu' diversi ammonti ta' flus lil binhom Joseph Azzopardi u lill-konvenuta, u dan kemm

direttament u kemm billi ħallsulhom diversi kontijiet biex saru xogħolijiet fil-fond fuq Plot 353 Pembroke Home Ownershiip Scheme (illum 353 'Sanctus Joseph' Triq Napuljun Tagliaferro, Pembroke kif ukoll biex jiġi attrezzat l-imsemmi fond;

"Illi meta saru dawn it-transazzjonijiet l-istess binhom Joseph Azzopardi u l-konvenuta Isabel nee' Borg kienu qed iħejju ruħhom għaż-żwieġ u eventwalment iżżewġu u bdew il-ħajja konjugali tagħhom fl-imsemmi fond;

"Illi sfortunatament l-imsemmi Joseph Azzopardi miet traġikament u sussegwentement il-konvenuta iżżewġet lill-konvenut Bernard Cassar, u ż-żewġ konvenuti baqgħu jgħixu fl-istess fond;

"Illi l-atturi qatt ma rċevew rifużjoni tal-flus li kienu ħarġu b'self u ta' l-ispejjeż li kienu għamlu f'isem Joseph Azzopardi u l-konvenuta biex saru xogħolijiet fil-fond in kwistjoni u biex jiġi attrezzat l-istess fond;

"Ighidu l-konvenuti ghaliex:

"1. M'għandux jiġi dikjarat u deċiż li l-atturi huma kredituri tal-konvenuta fl-ammonti ta' flus li huma avvanzaw lilha u lill-mejjet binhom Joseph Azzopardi biex tlestiet u twaqqfet id-dar konjugali fuq il-fond Plot 353 Pembroke Home Ownership Scheme (illum 353 'Sanctus Joseph' Triq Napuljun Tagliaferro, Pembroke li hi r-residenza attwali tal-konvenuti);

"2. M'għandux jiġi likwidat l-ammont dovut lill-atturi;

"3. M'għandhiex il-konvenuta tiġi kkundannata li tħallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat;

"Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittri legali ta' l-10 t'Awissu, 1994, tas-16 ta' Settembru, 1994, tal-11 ta' Marzu, 1995, 15 t'April, 1995, 21 ta' Lulju, 1995, u dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-5 ta' Diċembru, 1995, kontra l-konvenuta. Iż-żewġ konvenuti jibqgħu mħarrkin għas-subizzjoni.";

Rat in-nota ta' l-eccezzonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

"1. Illi l-eċċepjent Bernard Cassar għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-atturi, minħabba li mhuwiex leġittimu kontradittur f'din il-kawża billi la hu u anqas il-komunjoni ta' l-akkwisti bejnu u martu Isabel Cassar ma huma debituri lejn l-atturi, u ma ħadu ebda self minn għandhom;

"2. Illi fil-konfront ta' l-eċċepjenti Isabel Cassar it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fil-liġi billi hija qatt ma ħadet jew irċeviet ebda self mingħand l-atturi la qabel, u anqas matul, iż-żwieġ tagħha ma' Joseph Azzopardi;

"3. Illi anqas Joseph Azzopardi ma ħa jew irċieva xi self mingħand l-atturi matul iż-żwieġ tiegħu ma l-eċċepjenti Isabel Cassar; u sa fejn taf hi, anqas qabel iż-żwieġ tiegħu magħha ma kien ħa jew irċieva xi self mingħand l-atturi;

"4. Illi f'kull każ u bla pregudizzju għas-sueċċepit, l-eċċepjenti Isabel Cassar mhijiex leġittimu kontradittur fir-rigward ta' l-obbligazzjonijiet li seta' daħal fihom Joseph Azzopardi;

"5. Illi anke fir-rigward ta' l-eċċepjenti Isabel Cassar it-talbiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fil-liġi u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra tagħhom;

"6. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.";

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Marzu 2004, li in forza taghha iddecidiet hekk:
**"Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** u tiddikjara li l-imħarrek Bernard Cassar m'huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, u qegħda għalhekk teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, bi spejjeż għall-atturi;

**"Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-atturi huma kredituri tal-imħarrka Isabel Cassar f'ammonti ta' flus avvanzati lil binhom Joseph Azzopardi biex tlestiet u

twaqqfet id-dar konjugali fuq il-Plot 353 (illum iġġib l-isem ta' "Sanctus Joseph"), Triq Napuljun Tagliaferro, Pembroke, illum id-dar fejn toqgħod l-istess imħarrka;

**"Tilqa' t-tieni talba attriċi** u qegħda tillikwida l-ammont dovut mill-imħarrka lill-atturi fis-somma ta' erbat elef u sitta u sittin lira Maltin u erbgħin ċenteżmi (Lm 4,066.40);

**"Tilqa' t-tielet talba attriċi** u qegħda tikkundanna lill-imħarrka Isabel Cassar tħallas lill-atturi s-somma hekk likwidata ta' erbat elef u sitta u sittin lira Maltija u erbgħin ċenteżmi;

**"Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha** tal-imħarrka Isabel Cassar;

**"L-ispejjeż** (għajr għal dawk ġa' deċiżi dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek Bernard Cassar) u l-imgħax legali fuq is-somma hawn likwidata li jibda jgħaddi b'effett mil-lum sal-jum tal-ħlas effettiv, jitħallsu mill-imħarrka Isabel Cassar.";

Dik l-ewwel Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi din hija azzjoni għal kumpens għal spejjeż minfuqa fl-interess ta' terza persuna u għar-radd lura ta' flus mislufin lill-istess persuna. L-atturi huma l-ġenituri tal-ewwel raġel tal-imħarrka Isabel Cassar. L-atturi qegħdin ifittxu l-ħlas lura tal-ispejjeż li kienu nefqu biex saru xogħlijiet fid-dar li fiha kien daħal jgħammar binhom mal-imħarrka u għar-radd lura ta' flus li huma jgħidu li silfu lil binhom minn fuq l-idejn għal dan il-għan;

"Illi l-imħarrkin laqgħu għal din l-azzjoni billi, fir-rigward tal-imħarrek (it-tieni raġel tal-konvenuta), huma jgħidu li l-atturi ma messhomx ħarrkuh għaliex m'għandu jagħtihom xejn lura. Jgħidu wkoll li l-konvenuta ma ngħatat xejn mill-atturi u m'għandhiex xi troddilhom lura. Iżidu jgħidu li m'huwiex minnu li l-attur silfu flus lil binhom, u li, fi kwalunkwe każ, huma ma jwiġbux għall-obbligazzjonijiet li seta' daħal fihom bin l-atturi;

"Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li l-atturi jiġu l-ġenituri ta' Joseph Azzopardi. Binhom kien iżżewweġ lill-imħarrka Isabel imwielda Borġ lejn nofs l-1991. Huma kienu marru jgħixu f'dar f'Pembroke, li kienu kisbu qabel iż-żwieġ mingħand l-Awtorita' tad-Djar. Fil-31 ta' Mejju, 1992[1], Joseph Azzopardi miet fi traġedja li seħħet waqt li kien qiegħed jogħdos. Meta miet ma kellux tfal u lanqas kien ħalla testment. Xi tliet snin wara li romlot, Isabel Azzopardi iżżewġet lill-imħarrek Bernard Cassar. Fil-5 ta' Diċembru tal-1995, l-attur interpella lill-imħarrka b'att ġudizzjarju biex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas "ta' diversi pagamenti li saru minnu f'ismek u f'isem Joseph Azzopardi, ibnu u l-ewwel raġel tiegħek, kif ukoll ta' diversi flus kontanti mislufin lill-istess Joseph Azzopardi"[2]. Fl-1 ta' Settembru, 1998, infetħet il-kawża;

"Illi l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ jeħtieġu li tiġi determinata, qabel kull ħaġa oħra, il-bażi vera tal-azzjoni attriċi. Din il-bażi tidher mill-att taċ-Ċitazzjoni li tistrieħ fuq żewġ sisien: l-ewwel hemm it-talba għall-ħlas lura ta' flus minfuqa mill-attur fl-interess tal-ispejjeż magħmula minn ibnu u l-imħarrka, fl-okkażjoni tal-armar ta' dik li kellha tkun id-dar taż-żwieġ tagħhom (u kif għal ftit xhur kienet tassew); fit-tieni lok, hemm it-talba għar-radd lura tal-flus li l-attur jgħid li huwa silef lil ibnu għall-istess għan. Għalkemm il-kawżali taż-żewġ għamliet ta' talbiet jistgħu jagħtu 'l wieħed x'jifhem li l-atturi qegħdin jintentaw aktar minn azzjoni waħda, joħroġ ċar mill-provi li l-kuntest ta' dak kollu li l-atturi jgħidu li seħħ kien wieħed: jiġifieri dak li jwieżnu lil binhom fl-ispejjeż li kienu qegħdin isiru fid-dar li fiha kien sejjer joqgħod, u li tali għajnuna tissarraf f'benefikat tanġibbli li sar f'dik il-proprjeta' li minnu ibbenefikat u għadha tgawdi l-imħarrka u żewġha;

"Illi jidher, għalhekk, li l-atturi qegħdin jeżerċitaw l-azzjoni sussidjarja magħrufa bħala l-*actio de in rem verso*, li hija azzjoni mogħtija lil persuna f'dawk il-każijiet fejn ma tistax titressaq azzjoni *ex contractu*[3]. Din l-azzjoni hija msejħa sussidjarja għaliex ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-

[1] Xhieda ta' Isabel Cassar 11.6.2001, f'pag. 117 tal-process
[2] Dok "RAA1", f'pag. 157-8 tal-process
[3] P.A. **14.12.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Grima vs Fava et*** (Kollez. Vol: **L.ii.487**)

attur ikun fittex għalxejn mod ieħor lil min stagħna bi ħsara tiegħu[4] jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setgħet issir[5]. Tista' titressaq ukoll fejn jintwera li jkun għalxejn li l-attur l-ewwel jipprova jmexxi kontra d-debitur tiegħu f'każ, per eżempju, li dan ikun falla jew telaq għal kollox mill-ġurisdizzjoni[6];

"Illi l-azzjoni hija wkoll, u minħabba dak li għadu kemm ingħad, waħda ekwitativa[7]. Kemm hu hekk, il-prinċipju li jmexxi din l-għamla ta' azzjoni huwa dak li m'huwiex xieraq li persuna tistgħana bi ħsara ta' ħaddieħor (*nemo licet locupletari cum aliena iactura*)[8]. Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mit-terz, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ[9]. Billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni[10], u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata[11];

"Illi ingħad ukoll[12] li l-elementi li jsejsu l-azzjoni huma (a) li persuna kisbet jew qegħda tikseb vantaġġ jew utilita'[13] minħabba li xi ġid ta' ħaddieħor għadda għandha jew minħabba li xogħlijiet jew servizzi twettqu fi ħwejjiġha bla ma sar il-ħlas għalihom jew b'mod li ġew iffrankati spejjeż lill-parti li b'hekk tkun stagħniet[14]; (b) it-tnaqqis mill-ġid tal-parti l-oħra b'titolu lukrattiv; (ċ) ir-rabta bejn it-tnaqqis tal-ġid tal-parti l-waħda u ż-żieda jew benefiċċju tal-parti l-oħra; (d) in-nuqqas ta' raġuni li tiġġustifika l-arrikkiment ta' parti u l-"ftaqir" tal-parti l-oħra u (e) li min laqa' għandu l-ħaġa jew is-servizz stagħna b'dik il-ħaġa jew b'dak is-

[4] P.A. **4.3.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Seychell vs Farrugia*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.593**)
[5] P.A. **10.12.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit vs Farrugia et*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.787**)
[6] P.A. GV **26.4.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Blye Engineering Co. Ltd. vs Stanley Sullivan et***
[7] *Dig. "De Jure Dotium"*, fr.6 *"Quia bono et aequo conveniat aut lucrari aliquem cum damno alterius, aut damnum sentire per alterius lucrum*"
[8] Kumm. **15.9.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Mattocks et vs McKeon*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.1018**)
[9] Pescatore – Ruperto Codice Civile Annotato (7[a] Ediz. 1978) par 2041, pag. 2008
[10] Art. 1012 tal-Kap 16
[11] Art. 1019 tal-Kap 16
[12] Ara, per eżempju, Torrente Manuale di Diritto Privato (9[a] Edit., 1975) par 387, pag. 634
[13] App. Kumm. **5.4.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Calleja vs Żammit Tabona*** (Kollez. Vol: **XLI.i.631**)
[14] Amos & Walton's Introduction to French Law (3[rd] Edit.) , pag. 197

servizz[15]. Il-Qorti hija tal-fehma li dawn l-elementi japplikaw kollha għal dan il-każ sa grad biżżejjed biex jista' jingħad li l-bażi tal-azzjoni attriċi tinsab fondata tassew, ċertament fil-konfront tal-imħarrka Isabel Cassar;

"Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, jirriżulta dokumentat u pruvat kif imiss li l-attur ħareġ xi spejjeż biex saru xi xogħlijiet fid-dar li kellha tkun id-dar taż-żwieġ ta' ibnu u tal-imħarrka. Huwa minnu li ħdejn l-ispejjeż li nefaq missier il-konvenuta tali spejjeż maħruġa u mħallsin mill-attur huma iżgħar. Imma, fis-sewwa, irid jingħad li l-ebda parti mid-dokumentazzjoni abbundanti mressqa mill-imħarrka dwar l-ispejjeż li ħareġ missierha[16] ma twaqqa' xi waħda miċ-ċirkostanzi li fuqhom l-atturi jibnu l-pretensjonijiet tagħhom. Għalkemm il-mod kif inħarġu l-irċevuti li l-attur ressaq bi prova tal-ispejjeż minfuqa minnu m'huwiex għal kollox ortodoss[17], il-fatt li nħarġu tali spejjeż huwa pruvat tajjeb biżżejjed minn għejjun oħrajn, fosthom mill-imħarrkin infushom[18]. Mill-prospett imressaq mill-attur[19], il-Qorti ssib li, għajr għal żbank ta' Lm 500 minn kont (li m'huwa bl-ebda mod dokumentat), l-ammonti li l-attur jgħid li ħareġ huma murija u mhux kontradetti. Min-naħa l-oħra, l-fatt li jingħad minn persuna (f'dan il-każ, l-imħarrka) li ma tafx li kien sar xi għoti ta' flus jew infieq ta' spejjeż m'huwiex l-istess bħal ċaħda li dik l-għotja tkun saret jew li dik l-ispiża tkun intefqet;

"Illi jirriżulta wkoll li l-attur m'għenx biss lil ibnu Joseph qabel iżżewweġ imma lil uliedu l-oħrajn ukoll[20]. Hemm ukoll xhieda li tgħid li f'okkażjoni minnhom l-attur għadda l-flus lil ibnu quddiem ħaddieħor[21]. Intwera li, f'Marzu tal-1991[22], jiġifieri xi ftit żmien qabel iż-żwieġ, l-attur żbanka somma mhux ċkejkna minn kont li kellu depożitat f'bank u

[15] P.A. **30.11.1955** fil-kawża fl-ismijiet P***arnis vs Vella noe*** (Kollez Vol: **XXXIX.ii.764**) u li kienet tirrigwarda spejjeż minfuqin minn iben biex itejjeb id-dar ta' missieru li kien interdett u li, ghalhekk, ma setax jaghti l-kunsens tieghu biex isiru dawk ix-xoghljiet
[16] Ara Affidavit Alfred Borg (28.8.2002) u l-ghadd ta' dokumenti mressqin mieghu, f'pagg. 204 sa 289 tal-process
[17] Kontro-eżami tal-attur 12.2.2001, f'pagg. 76 sa 81 tal-process
[18] Xhieda ta' Bernard Cassar 2.11.2001, f'pagg. 147-8 tal-process; u xhieda ta' Isabel Cassar 11.6.2001 u 5.12.2001, f'pagg. 132-3 u 174 tal-process rispettivament
[19] Dok "RA1", f'pag. 26 tal-process
[20] Xhieda ta' Tony Azzopardi 16.6.2000, f'pag. 59 tal-process
[21] Dokti "RA13" u "AA", f'pagg. 38 u 53 tal-process
[22] Dok "RA15", f'pag. 40 tal-process

dan l-iżbank seħħ fi żmien meta tħallsu wħud mix-xogħlijiet jew servizzi li saru fid-dar ta’ Pembroke;

“Illi l-imħarrkin ressqu għadd ta’ eċċezzjonijiet li bihom jippruvaw iġibu fix-xejn l-azzjoni attriċi. Fost l-imsemmija eċċezzjonijiet wieħed isib li l-imħarrkin qatt ma ngħataw xejn mill-atturi jew li qatt ma sselfu xejn mingħandhom; jgħidu wkoll li m’humiex il-kontraditturi leġittimi tal-pretensjonijiet attriċi; u li huma ma jweġbux għal xi obbligazzjonijiet li seta’ daħal għalihom iben l-atturi meta kien għadu ħaj u li setgħu kienu obbligazzjonijiet “parafernali” għalih. Waqt it-trattazzjoni tal-aħħar, l-abbli difensur tal-imħarrkin żied jissottometti wkoll li, ladarba s-“self” sar lil iben l-atturi, dan għandhom iwieġbu għalih ħutu u l-atturi nfushom, bħala l-werrieta tiegħu *ex lege*;

“Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-eċċezzjoni mqanqla mill-imħarrek hija mistħoqqa. Mhux biss l-ebda waħda mit-talbiet attriċi ma tirreferi għalih, imma lanqas toħroġ rabta bejnu u xi waħda mill-premessi fl-Att taċ-Ċitazzjoni. Kif sewwa jissottometti, jekk tnisslet xi obbligazzjoni fil-konfront ta’ martu, din bl-ebda mod ma torbot lilu u lanqas il-komunjoni tal-akkwisti li llum teżisti bejn l-imħarrkin. Għalkemm jista’ jingħad li huwa jgawdi mill-benefikat li sar bi spejjeż tal-attur, ma jirriżultax li teżisti fil-konfront tiegħu l-korrelazzjoni tal-elementi kollha tal-azzjoni attriċi kif hawn fuq imfissrin;

“Illi, mill-bqija u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ta’ dritt li saru iżjed qabel u li jsawru l-azzjoni mressqa mill-atturi, il-Qorti hija tal-fehma l-eċċezzjonijiet l-oħrajn kollha mqanqlin mill-imħarrka Isabel Cassar ma jistgħux jintlaqgħu u dan prinċipalment għaliex l-istess eċċezzjonijiet jinjoraw in-natura essenzjali tal-azzjoni preżenti;

“Illi l-fatt waħdu li iben l-atturi sata’ ma għarrafx lil martu li missieru kien tah xi flus bħala għajnuna ma jibdel xejn min-natura jew mis-saħħa tal-azzjoni mibdija kontriha. Kif ingħad diġa’, huwa l-fatt tal-vantaġġ miksub mill-parti mħarrka li jnissel il-ħolqa tal-interess bejnha u l-atturi. M’hijiex rabta kuntrattwali, imma rabta ta’ fatt;

"Illi l-imħarrka tisħaq ukoll li l-atturi damu żmien twil wara l-mewt ta' binhom ma semmewlha xejn dwar xi pretensjoni li seta' kellhom. Ġie muri li l-ewwel pretensjoni saret f'xi żmien qabel Awissu tal-1994[23]. Hija tressaq l-ideja li l-atturi kellhom mottiv li jibdew il-kawża meta saru jafu li kienet qegħda taħseb biex terġa' tiżżewweġ. Hawnhekk ukoll, il-Qorti ssib li dan m'huwiex biżżejjed biex iwassalha għall-fehma li l-azzjoni attriċi m'hijiex fondata. Fl-ewwel lok, ma ntwera bl-ebda mod (għalkemm saret allegazzjoni f'dan is-sens waqt it-trattazzjoni tal-għeluq) li l-attur għadda l-flus u ħareġ l-ispejjeż b'sens ta' liberalita'. Għalkemm huwa minnu li ma kienx hemm ftehim formali għar-radd lura tal-flus maħruġa, l-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-attur ried li minn dawk l-ispejjeż igawdi ibnu u mhux jagħmel għotja lil dik li kellha tkun mart ibnu. Fit-tieni lok, jidher li kienet l-imħarrka nnifisha li wara l-mewt ta' iben l-atturi, xehdet li staqsiethom jgħidulha jekk kinux iridu xi ħaġa[24]. Qasmet ukoll magħhom ir-rikavat mill-bejgħ tal-karozza li l-attur kien għadda fuq isem ibnu qabel iż-żwieġ. Fit-tielet lok, stqarret ukoll[25] li, f'laqgħa li kienet saret għand in-Nutar Attard, l-attur kien fil-fatt ressaq pretensjoni għal rifużjoni tal-ispejjeż li ħareġ u dan kien qabel ma kien qabbad avukat biex jibda jinterpellaha;

"Illi, għalhekk, il-Qorti qegħda tasal għall-fehma li l-azzjoni attriċi tirriżulta fondata u għalhekk l-ewwel talba sejra tintlaqa';

"Illi f'dan l-istadju l-kwestjoni tal-likwidazzjoni tal-ammont dovut bħala rifużjoni f'azzjoni ta' din ix-xorta jeħtieġ li tiġi mistħarrġa wkoll. Hemm ħsibijiet li ma jaqblux ma' xulxin dwar iż-żmien li għandu jitqies għall-finijiet tal-indenniżż. Għal uħud, l-ammont li għandu jitħallas lura jitqies b'rabta mal-arrikkiment li jkun seħħ fil-bidu, filwaqt li għal uħud oħrajn wieħed għandu jqis il-waqt li tkun saret it-talba ġudizzjarja jew il-waqt li tkun ingħatat is-sentenza. Kemm hu hekk, ġie mfisser[26] li fl-azzjoni dwar arrikkiment mhux mistħoqq "the amount recoverable is limited on the one

---

[23] Dok "RAA8", f'pag. 164 tal-process
[24] Xhieda Isabel Cassar 11.6.2001, f'pag. 128 tal-process
[25] Kontro-eżami ta' Isabel Cassar 5.12.2001, f'pag. 181 tal-process
[26] Amos & Walton, *op. cit.* , pag. 199

hand by the value of the enrichment. More than this the *solvens* cannot recover and the value is assessed not, as in *gestion d'affaires*, at the time of the intervention, but at the date of the action. If at that date the value of the benefit has disappeared, the action will fail. The amount recoverable is limited on the other hand by the amount of the *solvens'* own expenditure: it is immaterial that at the time of the action the value of the benefit enjoyed is considerably higher";

"Illi jidher li l-Qrati tagħna laqgħu l-applikazzjoni tal-kriterju li l-kumpens għandu jkun il-konkorrenza tal-vantaġġ miksub mix-xogħlijiet magħmulin u mhux biss għall-ispiża minfuqa biex twettqu dawk ix-xogħlijiet[27]. Dan l-aħħar il-Qrati tagħna jidher li wessgħu il-medda tal-applikazzjoni tal-kumpens biex "ikun magħmul jiddependi wkoll minn fatti sopravvenuti li kapaċi jawmentaw, jew inaqqsu, l-arrikkiment. Rilevanti bħala elementi ta' konsiderazzjoni għall-valutazzjoni aktar konsona u ġusta jitqiesu l-bwona jew mala fede tal-persuna vantaġġjata u arrikkita"[28]. Din il-Qorti, fuq is-saħħa ta' diversi kittieba li qrat dwar is-suġġett, tasal biex tilqa' din ix-xejra ta' ħsieb;

"Illi, fil-każ preżenti din il-Qorti ma ssibx li l-imħarrkin aġixxew b'mala fidi, għalkemm jista' jingħad li kellhom responsabbilta' għal ċertu dewmien li irriżulta bejn meta saret l-ewwel talba legali f'isem l-attur u dak inhar li nbdiet il-kawża. Il-Qorti ssib ukoll li l-vantaġġ li tnissel bix-xogħlijiet magħmula jew mill-ispejjeż imħallsa għadu jeżisti u ż-żewġ imħarrkin qegħdin igawdu benefiċċju attwali u dirett minnu. Għalkemm m'għandux ikun hemm dubju li dak li ntefaq snin ilu llum il-ġurnata jiswa iżjed, ma tressqet l-ebda prova mill-atturi dwar jekk il-valur tax-xogħlijiet magħmula fid-dar tal-imħarrkin għoliex jew b'kemm. Jidher li l-atturi jkunu soddisfatti bil-ħlas lura tal-ispejjeż li ntefqu, u huwa ma' dan l-ammont li l-Qorti sejra timxi, safejn jinsab ippruvat kif għandu jkun;

---

[27] P.A. **16.6.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Said et vs Testaferrata Bonici Ghaxaq et*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.1105**, a fol. 1108)
[28] Ara P.A. PS **3.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Doris Ellul et vs Francis Camilleri***

"Illi, fl-aħħarnett, tqanqlet ukoll il-kwestjoni ta' jekk għandux jgħaddi mgħax fuq l-ammont ta' ħlas lura dovut lill-atturi. Dwar dan, huwa mgħallem li "*il credito per l'indennizzo da arricchimento senza causa non produce interessi che dalla domanda, sorgendo il dovere giuridico di indennizzo solo quando il titolare dell'azione di arricchimento faccia valere la sua pretesa*"[29]. B'żieda ma' dan u b'ħarsien tal-prinċipju li *in illiquidis non fit mora*, ma ntweriex li l-kreditu pretiż kien mgħarraf lill-imħarrkin qabel ma nbdiet il-kawża, u l-istess talba attriċi titlob il-likwidazzjoni ta' somma li trid titħallas lura. F'dan il-każ, għalhekk, l-imgħax dovut għandu jibda jgħaddi minn meta ssir il-likwidazzjoni tal-ammont li jmissu jitħallas lura lill-atturi."

Rat ir-rikors ta' l-appel ipprezentat minn Isabel Cassar;

Rat ir-risposta ta' l-atturi;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-7 ta' Novembru 2006;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li l-konvenuta Isabel Cassar u Joseph Azzopardi, iben l-atturi, kienu ghamlu zmien gharajjes u kienu qed ihejju ruhhom ghaz-zwieg, tant li kienu bnew post li kellu jservi bhala dar matrimonjali u bdew jirrangaw l-istess. Il-genituri ta' Joseph Azzopardi, l-atturi, kienu jghinu ghal dan l-iskop billi jsellfu u javvanzaw diversi flejjes lill-gharajjes sabiex dawn jirrangaw il-post. Gara li, sfortunatament, Joseph Azzopardi miet tragikement, u sussegwentement il-konvenuta Isabel Cassar izzewget lill-konvenut l-iehor Bernard Cassar, u z-zewg konvenuti baqghu jghixu fl-istess fond. L-atturi qed jitolbu refuzjoni tal-flus li huma investew u li gew utilizzati ghall-

[29] Ruperto – Pescatore *op. cit.*, pag. 2010 (fejn jiccitaw sentenza tal-Corte di Cassazione tas-17.12.1969)

arredament tal-post li kellu jservi bhala dar matrimonjali ta' binhom Joseph wara li dan jizzewweg lill-konvenuta Isabel Cassar.

Il-kawza ma saritx kontra l-eredi ta' Joseph Azzopardi, izda biss kontra Isabel Cassar u zewgha Bernard. Fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti, dan Bernard Cassar gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju u kontra din il-parti tas-sentenza ma gie intavolat ebda appell u lanqas appell incidentali. Fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti kkundannat lill-konvenuta Isabel Cassar thallas lill-attur s-somma ta' Lm4,066.40, ekwivalenti ghal daqstant avvanzati mill-atturi biex jigi rrangat il-fond meritu tal-kawza.

Il-konvenuta Isabel Cassar ressqet appell mis-sentenza ta' l-ewwel Onorabbl Qorti, bl-ilment principali taghha jkun indirizzat bazikament ghac-cirkostanza li filwaqt li l-atturi bbazaw it-talbiet taghhom ghar-rifuzjoni fuq obbligazzjoni ta' self, il-Qorti ttrattat u ddecidiet il-kawza a bazi ta' l-azzjoni ekwitattiva maghrufa bhala *de in rem verso*, li skond hi (cioe` skond l-ewwel Qorti) kienet l-azzjoni proposta mill-atturi. It-tieni aggravju ta' l-appellanti jirrigwarda l-meritu, fis-sens li hi tikkontendi li bhala fatt qatt ma sar self mill-atturi.

Trattat l-appell, din il-Qorti tibda biex tirrimarka li huwa principju fundamentali tal-procedura li d-determinazzjoni ta' kawza hi marbuta mat-talba kontenuta fir-rikors promotorju u mal-kawzali precedenti t-talba jew talbiet ta' l-atturi. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **"Amato noe v. De Gray noe et"** deciza fl-24 ta' Novembru 1958,
"Il-Qorti ghandha toqghod ghat-termini tal-kawzali u tat-talba kif migjuba fic-citazzjoni, u t-termini wzati f'atti gudizzjarji formali bhal ma hu l-att tac-citazzjoni ghandu jittiehed fis-sens guridiku taghhom; xort' ohra l-konsegwenzi jkunu kaotici."

Aktar ricenti l-Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza **"Mizzi noe v. Pace noe"** deciza fit-3 ta' Novembru 1982, qalet li
"kif inhu risaput din il-Qorti, bhala Qorti ta' gurisdizzjoni superjuri, ghandha toqghod biss fuq il-kawzali jew

kawzalijiet kif dedotti fic-citazzjoni, u ma tistax tiddeciedi fuq cirkostanzi u fatti ohrajn li ma jidhlux f'dak il-kawzali jew kawzalijiet."

Hekk ukoll l-istess Qorti fil-kawza **"Azzopardi v. Azzopardi"** deciza fil-31 ta' Jannar 2003, enfasizzat li
"Il-Qorti ghandha toqghod biss fuq il-kawzali u t-talba dedotta u xejn izjed."

Precizati dawn il-principji u analizzata n-natura ta' l-azzjoni ttentata mill-atturi din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-ewwel Qorti fejn din irriteniet li l-azzjoni hija dik li hekk imsejha *de in rem verso*. Fic-citazzjoni taghhom, ma hemm ebda indikazzjoni li l-atturi qed jitolbu kumpens ghal arrikiment li huma kkazaw fi hwejjeg ta' terzi. Il-bazi ta' l-azzjoni attrici hija msejsa fuq allegat self ta' flus lil Joseph Azzopardi u Isabel Cassar.

Fic-citazzjoni taghom, proprju fl-ewwel linja, jghidu li huma *"kienu silfu 'brevi manu' diversi ammonti ta' flus lil binhom Joseph Azzopardi u lill-konvenuta, u dan kemm direttament u kemm billi hallsulhom diversi kontijiet…"* Ikomplu jghidu li *"qatt ma rcevew rifuzjoni tal-flus li kienu hargu b'self u ta' l-ispejjez li kienu ghamlu f'isem Joseph Azzopardi u l-konvenuta."* Fid-dikjarazzjoni prezentata mac-citazzjoni wkoll jghidu li l-konvenuti naqsu li jaghmlu *"rifuzjoni ta' l-ammonti li kienu gew avvanzati b'self."*

Anke fl-ewwel domanda l-attrici ghalkemm ma tergax tissemma' l-kelma self, huwa car li qed jippretendu li kien hemm ftehim ta' self. Huma qed jitolbu dikjarazzjoni li *"huma kredituri tal-konvenuta fl-ammont ta' flus li huma avvanzaw lilha u lill-mejjet binhom Joseph Azzopardi biex tlestiet u twaqqfet id-dar konjugali … ir-residenza attwali tal-konvenuti."*

Inoltre, it-talba, kif intwera, hija ghar-rifuzjoni tal-flus avvanzati biex titlesta d-dar, u mhux ghall-gwadann ingust li seta' sar bl-opra ta' l-atturi. Il-kumpens f'kaz ta' azzjoni *de in rem verso* ma jiddependix biss fuq is-somma sborzata, izda fuq korrelazzjoni bejn it-telf u l-gwadann. Kif jinghad mill-awturi **Baudry Lacantinerie et Barde**

(“Trattato Teorico Pratico di Diritto Civili” voce “Delle Obbligazzione” Vol. IV pagna 551)
“L’azione de in rem verso, essendo una specie d’azione in restituzione, non puo` far ottenere all’attore piu` dell’ammontare della perdita sofferta. Ma, d’altra parte, e` data soltanto nella misura dell’arricchimento di colui contro il quale compete, perche` l’equita` e` soddisfatta dal momento che egli restituisce tutto cio` di cui si e` arricchito. Cosi` il massimo che puo` essere accordato dei guridici all’attore e` rappresentato dall’impoverimento, se e` inferiore all’arricchimento, e, nel caso inverso, da questo.”

Dan hu ben differenti minn dak li talbu l-atturi fic-citazzjoni taghhom.

Dan apparti, anke kieku l-atturi espressament ezercitaw l-l-*actio de in rem verso*, ikun jezisti ostakolu iehor ghal prosegwiment ta’ dik l-azzjoni, u dan peress li din l-azzjoni hija moghtija lil persuna f’dawk il-kazijiet fejn ma tistax titressaq azzjoni *ex contractu*. Din l-azzjoni hija msejha sussidjarja ghaliex ma tistax tinbeda jekk mhux wara li l-attur ikun fittex ghalxejn mod iehor lil min staghna bi hsara tieghu jew jekk ma jintweriex li ma kien hemm l-ebda azzjoni li setghet issir (ara **“Zammit v. Farrugia”** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Ciivli fl-10 ta’ Dicembru, 1995).

Gia` din il-Qorti fil-kawza **“Scicluna v. Watson”** deciza fil-15 ta’ Lulju 1901, osservat illi
“Il rimedio sussidiario ‘de in rem verso’ fu foncesso nei casi in cui l’azione ex contractu non e’ esperbile.”

F’dan il-kaz ma jistax jinghad li ma hemmx rimedju *ex contractu* ghar-restituzzjoni tal-flus avvanzati lil Joseph Azzopardi u lil Isabel Cassar. Peress li l-atturi jallegaw li l-flus gew moghtija b’self, spetta lill-istess atturi jezercitaw azzjoni ta’ restituzzjoni wara *mutuum*. Il-fatt li wiehed mill-beneficcjarji Joseph Azzopardi, lahaq miet, ma jtellifx id-dritt ta’ l-atturi li jitolbu l-flus lura minghand l-eredi *ex lege* tieghu. Fil-fatt, din tidher li hi l-azzjoni li ressqu l-atturi, b’dan pero`, li l-eredi ta’ Joseph Azzopardi ma gewx citati fil-kawza peress li huma familjari ta’ l-istess atturi.

Dan ma jfissirx, pero`, li l-azzjoni kontra Isabel Cassar ma tistax tirnexxi fil-kuntest ta' kif proposta. L-atturi jallegaw li huma silfu diversi flejjes lil Joseph Azzopardi u lil Isabel Cassar, u jekk dan hu minnu, il-konvenuta Isabel Cassar ghandha tirrifondi sehemha mill-flus li gew mislufa.

Ghalkemm il-konvenuta tghid li l-atturi ma ghenux fil-bini u fl-arrangament tad-dar, din il-Qorti wara li ezaminat il-provi prodotti, taqbel ma' l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti fis-sens li l-atturi hargu spejjez biex saru xi xogholijiet fid-dar u dan billi ghaddew flus ghal dan l-iskop lill-gharajjes. Hu veru li missier il-konvenuta jidher li hareg hafna aktar flus ghal dan l-iskop pero`, hu pruvat, fil-fehma ta' din il-Qorti, li anke l-atturi ghenu f'dan il-progett. Fil-fatt, l-istess konvenuta tammetti li l-atturi kienu gieli johorgu flus minn taghhom biex jixtru certu affarijiet, pero`, skond hi, Joseph Azzopardi kien jghidilha li kien iroddhomlhom lura. L-attur jichad li hu rcieva flus lura minghand ibnu, u mill-kumpless tal-provi, l-ewwel Qorti dehrilha li kellha aktar taccetta l-verzjoni ta' l-atturi. Fuq dan il-punt, anke fid-dawl ta' l-incertezzi li wriet il-konvenuta fejn tidhol ir-relazzjoni interna bejn Joseph Azzopardi u missieru, din il-Qorti tara li m'ghandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti, anke ghaliex l-atturi ressqu affidavits ta' diversi negozjanti li kkonfermaw li x-xiri u l-hlas relattiv sar mill-istess attur.

Ma jirrizultax lanqas li dawn il-hlasijiet saru taht titolu ta' liberalita`. Il-fatt li l-flus gew versati bhala ghajnuna lill-gharajjes ma jfissirx necessarjament li dak li sar, sar taht forma ta' donazzjoni. Mhux prezunt li l-ghoti ta' flus isir b'rigal u min jallega dan irid jippruvah. F'dan il-kaz m'hemmx prova ta' dan, u anzi hemm id-dikjarazzjoni cara u inekwivoka ta' l-attur li l-flus gew moghtija "b'self" biex jispiccaw id-dar. Peress li flus gew moghtija fl-interess ta' l-gharajjes, biex tigi rrangata d-dar li fiha kellhom jghixu wara z-zwieg, is-self ghandu jitqies li sar kemm lil Joseph Azzopardi kif ukoll lil Isabel Cassar, b'mod li allura l-konvenuta ghandha tirrifondi lill-atturi nofs il-flus hekk avanzati.

L-ewwel Qorti, wara li ezaminat id-diversi dokumenti esebiti, waslet ghall-konkluzjoni li s-somma sborzata mill-atturi kienet ta' Lm4,066.40. Hija waslet ghall-konkluzjoni li dawn il-flus gew moghtija mill-atturi lil binhom ghall-uzu fid-dar u ghalkemm il-provi mhux daqshekk cari dwar l-uzu li sar minn certi flejjes, din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti, li ma giex muri li hu wiehed barra minn loku jew ingust. Peress li l-konvenuta kienet recipjenti ta' nofs l-ammont ta' flus versati mill-atturi, hija ghandha tkun ikkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' Lm2,033.20.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell interpost mill-konventua Isabel Cassar billi tilqghu biss in parte, fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata billi ghall-fini tat-tieni u t-tielet talba tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuta lill-atturi fis-somma ta' Lm2,033.20 (minflok ta' Lm4,066.40) u tikkundanna lill-istess konvenuta Isabel Cassar thallas lill-atturi s-somma hekk likwidata ta' Lm2,033.20 (elfejn u tlieta u tletin lira Maltin u ghoxrin centezmu), bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv; u tikkonferma (pero` ghar-ragunijiet moghtija f'din is-sentenza u mhux necessarjament ghal dawk kollha moghtija fis-sentenza appellata) is-sentenza appellata.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluzi dawk ta' prim istanza (ghajr ghal dawk dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Bernard Cassar li ghandhom jithallsu kif deciz mill-ewwel Onorabbli Qorti) ghandhom jithallsu bin-nofs bejn l-atturi u l-konvenuta Isabel Cassar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------